MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 481/2007

**Maltacom Plc (C 22334) u b'digriet moghti fL-10 ta` Dicembru, 2007, is-socjeta' attrici bidlet isimha ghal Go Plc**

**Vs**

**Trading Dance Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' mitejn, sitta u hamsin liri Maltin u sittin centezmi (Lm 256.60) (Euros 596.74), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjeta' konvenuta lil Maltacom Plc in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21318307 (A/C 40046898), skond diversi kontijiet mibghuta lilhom u skond dokumenti annessi mat-talba.

IZY 1 - prospett ghas-servizz b`kont numru 4006898
IZY 2 - applikazzjoni u ftehim dwar is-servizz telefoniku

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex tghaddi ghal hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ra mill-atti li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha li gew ipprezentati f'din il-kawza.

Ra illi fl-10 ta' Dicembru, 2007 gie pprezentat Kapitolu mill-Avukat Keith Grech.

Ra illi l-konvenut naqas li jidher anki ghas-seduta ta` llum.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------